MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Numru. 1388/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Saviour Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Salvatore Grech, ta’ 66 sena, bin Publius u Josephine nee’ Cassar, imwieled Mqabba fis-27 ta’ Settembru, 1941 u residenti fil-fond b’Numru ‘5’, “Piranha”, Pjazza tal-Gublew tad-Djamanti, Mqabba, u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 635141(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-23 ta’ Awissu, 2007, bil-hsieb li jikkorrompi lil Raymond Deguara, ezaminatur tas-sewqan ma’ l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta (ADT), wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni

tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din l-Qorti kif mahsub taht l-artikoli 41(1)(a) u 120(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti jirrizulta li fit-23 ta'Awissu 2007 l-imputat akkompanja li certu Anthony Scerri meta dan mar jaghmel ezami ghall-licenzja tas-sewqan tal-vetturi (kategorija D).

Illi skond l-ezaminatur, Raymond Deguara, f'xi hin waqt l-ezami l-imputat qam biex jaghlaq l-bieba tal-karozza tal-linja li fiha kien qed isir l-ezami u waqt li kien sejjer lura f'postu tefa' karta ta' ghaxar liri (Lm10.00) mitwija fuq il-clipboard li kellu Deguara. Raymond Deguara spjega li fir-realta hu ma jafx kienx hemm karta wahda ta' ghaxar liri jew aktar ghaliex hu hallieha mitwija hekk kif kienet, qal lill-imputat biex johodha lura u meta l-imputat ma hadhiex lura, hu (Deguara) tefaghha mitwija kif kienet lura lejn l-imputat. Skond Deguara dan l-incident sehh wara li l-imputat staqsieh kif kien sejjer f'l-ezami Scerri; Deguara jghid li ghal din il-mistoqsija hu ma wiegbux lill-imputat. Malli spicca l-ezami (li minnu Scerri m'ghaddiex) u sar d-debriefing Deguara ghamel rapport dwar dak li kien gara.

Illi l-imputat cahad dan kollu kemm waqt li kien qed jirrilaxxja l-istqarrijiet lill-pulizija kif ukoll quddiem din l-Qorti meta kkonferma l-kontenut ta'l-istqarrijiet rilaxxjati minnu.

Illi Anthony Scerri, il-persuna li kien qed jaghmel l-ezami, xehed ukoll. Huwa kkonferma li f'xi hin waqt l-ezami l-imputat qam minn fejn kien bilqeghda u ghalaq l-bieba tal-vettura; Scerri pero jghid li ma rax lill-imputat jaghmel xi movement iehor u li lanqas sema xi diskors dwar flus bejn l-imputat u Raymond Deguara.

Illi Anthony Scerri qal ukoll li huwa kien ilu impjegat ma' l-imputat bhala driver tal-minibuses u kellu bzonn licenzja ghas-sewqan tal-karozzi tal-linja ghax l-imghallem tieghu kellu aktar vetturi milli sewwieqa u ghalhekk kien qed ikollu trukkijiet weqfin.

Illi ta' min wiehed jirrileva li Scerri waqt id-depozizzjoni tieghu jirreferi ghall-imputat bhala l-imghallem tieghu, meta mill-atti jirrizulta li sid il-vetturi huwa bin l-imputat u li l-imputat jahdem part-time ma' ibnu. Dan il-fatt wahdu u fih innifsu ma jitfax dell fuq il-kredibilita tax-xhud; il-Qorti ma tara xejn stramb (partikolarment f'kuntest Malti) li f'negozju zghir familjari l-impjegati jharsu lejn persuna bhala "l-imghallem" meta fir-realta s-sid in-negozju jkun membru iehor tal-familja.

Illi pero ghalkemm dan il-fatt jista' sa certu punt jitqies bhala incidentali ghall-imputazzjoni li giet addebietata lill-imputat, min-naha l-ohra jitfa dawl fuq il-livell ta'l-involviment ta'l-imputat fil-gestjoni tan-negozju fejn kien impjegat Scerri u li minhabba fih Scerri kien qed jaghmel l-ezami in kwistjoni.

Illi l-provi l-ohra prodotti kienu dirigenti u impjegati ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport. Dawn xehedu fuq dak li jafu personalment kif ukoll dak li jirrizulta mir-records ta'l-istess Awtorita dwar l-impjieg ta' Raymond Deguara ma'l-Awtorita.

Illi minkejja l-kunflitt fil-provi, cioe l-verzjoni mghotija minn Raymond Deguara minn-naha u mill-verzjoni mghotija mill-imputat u Scerri minn-naha l-ohra, u tenut kont tal-kumpless kollu tal-provi, il-Qorti hija sodisfatta li tista tghati kredibilita lill-verzjoni mghotija minn Deguara.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti tirrizulta sodisfacjentement pruvata l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’l-imputat.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati u c-cirkostanzi tal-kaz in ezami, kif ukoll il-fedina penali ta’ l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 41(1)(a) u 120(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah hames xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospiezi ghal tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------